# EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-deċiżjonijiet relatati mal-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-fatt jittieħdu minn kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE). Għaldaqstant ir-rwol tal-UE huwa rwol ta' appoġġ. Madanakollu, ċerti sfidi huma komuni għall-Istati Membri kollha — soċjetajiet li qed jixjieħu, nuqqasijiet fil-ħiliet professjonali tal-ħaddiema, kompetizzjoni globali u edukazzjoni tat-tfulija bikrija — u għaldaqstant jeħtieġu risponsi komuni fejn il-pajjiżi jaħdmu flimkien u jitgħallmu minn xulxin[1].

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Filwaqt li t-taħriġ vokazzjonali kien identifikat bħala qasam ta' azzjoni Komunitarja fit-Trattat ta' Ruma fl-1957, l-edukazzjoni kienet rikonoxxuta formalment bħala qasam ta' kompetenza tal-UE fit-Trattat ta' Maastricht fl-1992. It-Trattat jgħid li l-Komunità "għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabilità tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom".

It-Trattat ta' Lisbona ma biddilx id-dispożizzjonijiet tar-rwol tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Titolu XII, Artikoli 165 u 166). Barra minn hekk, jiġbor fih dispożizzjoni li tista' tiġi deskritta bħala "klawżola soċjali" orizzontali. L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jgħid hekk: "Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni trid tqis il-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' (…) livell għoli ta' edukazzjoni [u] taħriġ".

Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati (Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) tiddikjara li: "kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa" (Artikolu 14) u li"kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament" (Artikolu 15).

## L-OBJETTIVI

Fil-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni trid tqis il-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ. Għaldaqstant, l-għanijiet strateġiċi fit-tul tal-UE dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ kif stabbiliti mill-Kunsill fl-2009 huma: (1) li t-tagħlim tul il-ħajja

[1]Għal aktar informazzjoni, ara l-Iskeda Informattiva 3.6.4 dwar l-Edukazzjoni Għolja.

kollha u l-mobilità jsiru realtà; (2) titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (3) il-promozzjoni tal-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva; (4) it-tisħiħ tal-kreattività u tal-innovazzjoni, inkluż l-intraprenditorija, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

## IL-KISBIET

### A. "Ewropa 2020" u "Edukazzjoni u Taħriġ 2020"

Il-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ ħadet spinta partikolari permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020. Filwaqt li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà prinċipali għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-UE għandha rwol importanti fl-appoġġ u ż-żieda fl-isforzi għat-titjib u l-immodernizzar tas-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni. Taħt Ewropa 2020, l-Istati Membri jingħataw gwida speċifika dwar ir-riformi prijoritarji kull sena fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet skont il-pajjiż.

Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, Il-qafas strateġiku Edukazzjoni u Taħriġ(ET 2020) jiddeskrivi l-istrumenti u l-arranġamenti għall-ħidma konġunta fil-livell tal-UE. Bħala parti tal-ET 2020, ġew stabbiliti l-objettivi tal-UE għall-2020 li ġejjin: (1) mill-inqas 95 % tat-tfal bejn l-erba' snin u l-età biex wieħed jibda l-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom jipparteċipaw f'edukazzjoni tat-tfulija bikrija; (2)l-għadd ta' tfal ta' 15-il sena li m'għandhomx ħiliet suffiċjenti fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għandu jkun ta' inqas minn 15 %; (3) l-għadd ta' studenti li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni għandu jkun inqas minn 10 %; (4)l-għadd tal-persuni ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkollhom edukazzjoni terzjarja għandu jkun mill-inqas 40 %; (5) medja ta' mill-inqas 15 % tal-adulti (ta' bejn il-25 u l-64 sena) għandhom jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja; (6)mill-inqas 20 % tal-iggradwati mill-edukazzjoni għolja u 6 % ta' dawk bejn it-18 u l-34 sena bi kwalifika inizjali vokazzjonali għandhom ikunu wettqu xi studji jew taħriġ barra l-pajjiż; (7)il-perċentwali ta' gradwati impjegati (persuni bejn l-20 u l-34 sena li jkunu kkompletaw b'suċċess l-edukazzjoni sekondarja għolja jew l-edukazzjoni terzjarja) li jkunu telqu l-edukazzjoni bejn sena u tliet snin qabel għandha tkun ta' mill-inqas 82 %.

Sabiex timplimenta l-politiki tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-Kummissjoni topera permezz taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP), li huwa waħda mill-aġenziji deċentralizzati tal-UE.

### B. Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa

Fl-2016, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni tagħha "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa" (COM(2016)0381), li fiha tipproponi azzjonijiet li jgħammru lin-nies bil-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol u biex huma jużaw aħjar il-ħiliet li diġà għandhom, sabiex jgħinuhom isibu impjiegi ta' kwalità:

- Garanzija għall-Ħiliet biex tgħin lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali;
- reviżjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;
- il-"Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali" biex tappoġġa l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, l-impjiegi u l-industrija;

— il-"Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet" biex itejjeb l-għarfien dwar il-ħiliet;

— "Għodda ta' Profil tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Paajjiżi-Terzi" biex tappoġġja l-identifikazzjoni bikrija u t-tfassil ta' profili tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-migranti;

— appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, partikolarment permezz ta' avvenimenti u attivitajiet fi ħdan il-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali;

— reviżjoni tar-rakkomandazzjoni dwar il-kompetenzi ewlenin biex tgħin lil aktar nies jiksbu s-sett ewlieni ta' ħiliet meħtieġa biex jaħdmu u jgħixu fis-seklu 21;

— reviżjoni tal-Qafas Europass, li joffri lin-nies għodda aħjar u aktar faċli li tintuża biex jippreżentaw il-ħiliet tagħhom;

— proposta għal Rakkomandazzjoni għal Stħarriġ dwar is-Sitwazzjoni tal-Gradwati bil-għan li jitjieb il-fehim tal-prestazzjoni tal-gradwati wara l-esperjenzi tagħhom fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

— analiżi u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jiġi ġestit il-moviment ta' persuni b'ħiliet għolja u kwalifikati bejn il-pajjiżi ("fluss ta' mħuħ").

**C.** Edukazzjoni tat-tfulija bikrija

Wara l-adozzjoni tal- Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jissottolinja li "li t-tfal għandhom id-dritt għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal affordabbli u kura ta' kwalità tajba", il-kwistjoni tal-edukazzjoni tat-tfulija bikrija saret saħansitra aktar importanti. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni approvat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Sistemi ta' Kura u Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja" (COM(2018)0271). Din il-proposta hija bbażata fuq ħidma preċedenti f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-"Prinċipji Ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal", kif ippreżentati minn grupp ta' ħidma ta' esperti nazzjonali fl-2014.

**D.** Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

F'Mejju 2018, wara s-summit ta' Gothenburg, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titolu "Nibnu Ewropa iktar b'saħħitha: ir-rwol tal-politiki taż-żgħażagħ, tal-edukazzjoni u tal-kultura" (COM(2018)0268). Din tistabbilixxi l-viżjoni tagħha tal-bini ta' "Żona Ewropea tal-Edukazzjoni" inkluża, fost affarijiet oħra, proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' diplomi tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni sekondarja għolja u r-riżultati ta' perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż (COM(2018)0270).

**E.** Il-Programm Erasmus

Erasmus+ huwa l-programm tal-UE għall-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għall-perjodu 2014-2020. Huwa jibni fuq inizjattivi preċedenti tal-UE li kienu jippromwovu l-iskambji u l-iżvilupp tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ.

Erasmus+ huwa maħsub bħala appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi għal użu effiċjenti tal-potenzjal tal-kapital uman u soċjali tal-Ewropa, filwaqt li jafferma l-prinċipju tat-tagħlim tul il-ħajja billi jgħaqqad it-taħriġ formali, non-formali u informali tul l-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ.

Dawn l-objettivi speċifiċi mfittxa mill-programm Erasmus+ fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma li: (1) jittejjeb il-livell ta' kompetenzi u kapaċitajiet ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward tar-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-kontribut tagħhom għal koeżjoni soċjali; (2) jitrawmu t-titjib fil-kwalità, l-eċċellenza fl-innovazzjoni u l-internalizzazzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (3) jiġu promossi l-emerġenza u s-sensibilizzazzjoni dwar żona Ewropea ta' tagħlim tul il-ħajja maħsuba biex tikkumplimenta riformi politiċi fil-livell nazzjonali, u b'appoġġ għall-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (4) tikber id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (5) tittejjeb l-istruzzjoni u t-tagħlim tal-lingwi u jippromwovi d-diversità lingwistika kbira tal-UE u l-għarfien interkulturali.

L-objettiv ambizzjuż tal-Erasmus+ huwa li jippromwovi sinerġiji u transfertilizzazzjoi tul id-diversi oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, jeqred l-ostakoli artifiċjali bejn il-bosta azzjonijiet u formati ta' proġetti, irawwem ideat ġodda, jattira protagonisti ġodda mid-dinja tax-xogħol u tas-soċjetà ċivili u jistimola forom ġodda ta' kooperazzjoni. Għas-settur tal-edukazzjoni, qed twettaq dawn l-objettivi fi ħdan qafas ta' azzjonijiet ewlenin. L-Azzjoni Ewlenija 1 tiffoka fuq il-mobbiltà tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja kif ukoll fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tal-persunal fis-setturi edukattivi kollha, l-Azzjoni Ewlenija 2 tikkonċerna s-sħubijiet, u l-Azzjoni Ewlenija 3 tappoġġja riforma politika.

Il- Proposta tal-Kummissjoni għal programm suċċessur (2021-2027) ġiet ippubblikata f'Mejju 2018 (COM(2018)0367). Din tipproponi li l-programm sħiħ jiġi indikat sempliċiment bħala "Erasmus". L-arkitettura ġenerali tal-programm ma nbidlitx b'mod sostanzjali, inklużi t-tliet "Azzjonijiet Ewlenin" diġà stabbiliti taħt Erasmus+. Madankollu, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-baġit jiġi rduppjat għal EUR 30 biljun, meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament dejjem appoġġa l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ u t-titjib tad-dimensjoni Ewropea fil-politiki tal-edukazzjoni tal-Istati Membri. Huwa jipparteċipa b'mod attiv fiċ-ċiklu tal-politika marbut ma' ET 2020 u jwieġeb għar-rapporti mħejjija f'dak il-qafas, pereżempju permezz tar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar is-segwitu tal-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET) 2020.

### A. Il-Programm Erasmus

Il-Parlament ħadem b'suċċess biex jiżgura żieda fir-riżorsi tal-baġit disponibbli għal Erasmus+. Fit-12 ta' April 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar_Erasmus+ u għodod oħra biex titrawwem il-mobbiltà fl-ETV - approċċ tul il-ħajja[2]. F'din ir-riżoluzzjoni, "jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi pubbliċi tal-impjieg jippubbliċizzaw u jqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-programm Erasmus+ u għodod oħra mmirati lejn il-promozzjoni tal-mobilità fil-qasam tal-ETV, b'mod partikolari fost l-SMEs". Fir- Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017, il-Parlament irrikonoxxa l-impatt estremament pożittiv ta' Erasmus+. Huwa enfasizza li l-programm il-ġdid għandu jkun aktar miftuħ u aċċessibbli, u ġibed l-attenzjoni għad-diffikultajiet b'rabta mar-

[2]ĠU C 58, 15.2.2018, p. 65.

rikonoxximent tal-krediti tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS). Huwa talab biex tinħoloq Karta Ewropea tal-Istudenti biex tagħti lill-istudenti aċċess għas-servizzi madwar l-Ewropa. Il-Membri enfasizzaw l-importanza li jitrawmu ċittadinanza attiva, edukazzjoni ċivika u identità Ewropea permezz tal-programm.

Għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm Erasmus+, il-Parlament ippropona li l-baġit jiġi ttriplikat għal EUR 41 biljun, biex dan jippermetti żieda fil-parteċipanti u aktar inklużività. L-iskambji ta' edukazzjoni vokazzjonali, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntieri, se jkunu wkoll prijorità tal-programm il-ġdid u se jiġu allokati baġit akbar.

**B.** Edukazzjoni u impjieg

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) fasslu rapport konġunt fuq inizjattiva proprja dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"Aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa". Ir-Riżoluzzjoni ġiet adottata fil-Parlament fl-14 ta' Settembru 2017. Il-Parlament irrakkomanda approċċ olistiku għall-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-ħiliet, u stieden lill-Istati Membri biex mhux biss jiffukaw fuq il-ħiliet tal-impjegabbiltà, iżda wkoll il-ħiliet li huma utli għas-soċjetà. Kwistjonijiet oħra msemmija kienu l-approċċ aktar komprensiv għat-titjib tal-ħiliet tal-migranti, l-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, it-tisħiħ tal-opportunitajiet tat-tagħlim tul il-ħajja, ir-rwol ewlieni tat-tagħlim mhux formali u informali kif ukoll it-trawwim tal-ħiliet diġitali, tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM).

CULT u EMPL flimkien fasslu rapport leġiżlattiv dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar aġġornament tal-qafas tal-Europass. Il-qafas il-ġdid tal-Europass ġie adottat fit-18 ta' April 2018 permezz tad- Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**C.** Oqsma speċifiċi oħra

Barra minn hekk, il-Parlament jieħu interess qawwi f'komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni mmirati lejn oqsma speċifiċi ta' edukazzjoni u taħriġ. Eżempji jinkludu r-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar reviżjoni tal-edukazzjoni), tal-15 ta' April 2014 dwar teknoloġiji ġodda u riżorsi edukattivi miftuħa, tat-8 ta' Settemrbu 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tat-12 ta' Settembru 2017 dwar edukazzjoni akkademika ulterjuri u mill-bogħod bħala parti mill-istrateġija Ewropea għat-tagħlim matul il-ħajja u tat-12 ta' Ġunju 2018 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni fl-UE.

Pierre Hériard
05/2019